MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 90/2003

**Avviz numru 90/03DM**

**Leonard u Josephine Calleja**

**Vs**

**Saviour Caruana u Josephine Camilleri u zewgha Kevin Camilleri ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, sabiex jizgombraw mill-ghalqa, maghrufa bhala Tar-Ramel, fil-limiti taz-Zebbug u dana peress illi huma qed jokkupaw din l-ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi u b'mod abbuziv u llegali. L-atturi ddikjaraw li ghal fini ta' kompetenza, li l-valur lokatizju ta' l-art ma jammontax ghal izjed minn hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 Fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-ghalqa in kwistjoni.
2 Fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-Ligi billi l-eccipjent Saviour Caruana ghandu titolu validu ta' lokazzjoni fuq l-ghalqa.
3 L-eccipjenti Josephine Camilleri kienet ghaddiet il-qbiela tal-ghalqa lill-konvenut l-iehor Saviour Caruana u dan bil-kunsens tas-sid. Konsegwentement hija u zewgha Kevin Camilleri m'humiex legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-atturi pprezentata fit-22 ta' Frar, 2006 ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi dak li jirrigwarda l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar it-titolu li jistghu ghandhom l-atturi li jintitolhom jipprezentaw it-talba odjerna, jirrizulta ampjament ippruvat illi l-ghalqa in kwistjoni kienet ippervenit ghand l-atturi mill-wirt ta' Anna Caruana xebba li kienet mietet fil-5 ta' Frar, 2001, kif anke rikonoxxut mill-istess konvenuta Josephine Camilleri, illi sa minn Gunju, 2001, mir-ricerki li kienet ghamlet dwar il-wirt ta' Anna Caruana, kienet skoprit illi din testment taghha tat-30 ta' Novembru, 2000 kienet halliet l-ghalqa in kwistjoni lill-atturi Leonard u Josephine Calleja.

Infatti anke fid-dokument esibit mill-istess konvenuta a fol. 57 tal-process jirrizulta illi hija stess indikat il-porzjon ta' raba in kwistjoni bhala proprjeta' tas-sidien Leonard u Josephine Calleja.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontestazzjoni fil-mertu, il-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi Saviour Caruana ghandu titolu ta' lokazzjoni valida fuq l-ghalqa in kwistjoni, waqt illi jsostnu illi effettivament il-lokazzjoni kienet ghaddiet fuq il-konvenuti Josephine Camilleri u Saviour Caruana bhala ulied ta' l-inkwilin precedenti missierhom Giovanni Caruana li kien rikonoxxut bhala tali mis-sidien precedenti tar-raba l-ewwel ir-Reverendu Guzeppi Caruana u in segwitu minn ohtu Anna Caruana.

Ghalhekk jinkombi fuq il-konvenuti illi jgibu provi bizzejjed li jindikaw bic-car u b'mod  inekwivoku illi effettivament missierhom Giovanni Caruana kien l-inkwilin tar-raba in kwistjoni u dana inforza ta' xi ftehim maghmul mas-sidien ta' l-ghalqa in kwistjoni u abbazi ta' tali ftehim l-istess Giovanni Caruna kien ihallas il-qbiela f'ammont ta' flus stabbilit jew fi kwantita' ta' prodotti agrikoli skond il-ftehim.

Evidentiment l-ahjar prova kienet tkun tikkonsisti fid-depozizzjonijiet tal-persuni  ntimament implikati fil-ftehim allegat, pero' kemm is-sidien Reverendu Giuseppi Caruana kif ukoll Anna Caruana u kif ukoll l-inkwilin Giovanni Caruana kienu lahqu mietu qabel ma nbdew dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant huma rikjesti provi iktar precizi biex jindikaw xi allegat ftehim li seta' sar bejn terzi persuni li ma setghux jixhdu f'dawn il-proceduri.

Minn naha ta' l-atturi dawn jirribattu kull allegazzjoni ta' xi titolu ta' lokazzjoni billi jiddikjaraw illi kienu jabitaw ukoll, fl-ahhar snin ta' hajjitha, ma' l-ahhar sid ta' l-ghalqa in kwistjoni,  Anna Caruana, u f'ebda okkazzjoni huma ma kienu gew infurmati b'xi lokazzjoni tar-raba in kwistjoni u wisq inqas ma kienu nfurmati jew kienu assistew f'xi pagament li kien seta' sar mil-persuna li dak iz-zmien kien

jahdem ir-raba in kwistjoni *ossia* l-konvenut Saviour Caruana.

Minn naha tal-konvenuti pero' biex jistabbilixxu dan it-titolu ta' lokazzjoni ddikjaraw illi, ghalkemm f'xi zmien antik kienet tithallas xi qbielaf'xi ammont indeterminat lis-sid ta' dakinhar Reverendu Dun Giuseppi Caruana, huma sostnew illi ma baqghetx tithallas il-qbiela peress illi s-sid ta' dak iz-zmien l-istess Reverendu Caruana kien accetta li jircievi minn flok hlas bi flus, sehem mill-prodotti agrikoli li seta' kien jipproduci l-inkwilin Giovanni Caruana.

Isosstnu ukoll illi l-istess baqa' jigi accettat mis-sid sussegwenti Anna Caruna li halliet l-ghalqa lill-atturi. Isostnu ukoll illi rcevuti qatt ma kienu gew rilaxxati u ghalhekk m'ghandhom l-ebda dokument f'idejhom li b'xi mod huwa ndikattiv tal-ftehim illi huma qed jallegaw.

Dawn l-allegazzjonijiet wahedhom mhumiex bizzejjed biex tista' tigi bbazzata fuqhom il-lokazzjoni allegata mill-konvenuti; infatti l-eta' zghira tal-konvenuti stess fiz-zmien ta' meta huma jallegaw li kienet tithallas xi somma flus bhala qbiela unita ukoll mal-fatt illi fin-nuqqas ta' ebda kontestazzjonijiet dak iz-zmien, ma kien hemm ebda raguni ghaliex tfal kellhom jiftakru li kienet tithallas xi qbiela, ddaghajjef iktar il-verzjoni tal-konvenuti.

Inoltre jirrizulta ukoll illi, nonostante illi sa minn Gunju, 2001 il-konvenuti kienu jafu illi l-ghalqa in kwistjoni kienet ghaddiet fi proprjeta' ghand l-atturi, huma naqsu li jghamlu xi tentattiv ghall-hlas ta' xi qbiela jew almenu li jikkonsenjaw xi prodotti agrikoli in sodisfazzjon ta' l-obbligu li huma jallegaw li kellhom.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi hija ferm iktar kredibbli l-verzjoni li qed jaghtu l-atturi u cioe' illi missier il-konvenuti Giovanni Caruana ghalkemm kien effettivament fil-pussess tar-raba in kwistjoni u jahdem l-istess raba dan kien qed jaghmel dan minghajr ebda titolu validu fil-ligi u bl-istess mod il-konvenuti baqghu fil-pussess tar-raba in kwistjoni rrispettivament minn kull allegazzjoni ta' xi ftehim li seta'

ghamlu bejniethom biex ir-raba baqghet fil-pussess esklussiv biss tal-konvenut Saviour Caruana.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-konvenuti ma waslux biex jipprovaw xi titolu ghar-raba in kwistjoni li tinsab fil-pussess taghhom u konsegwentement qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jizgombraw mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tar-Ramel' fil-limiti ta' Haz-Zebbug u delinijata b'kulur ikhal jew blu fil-pjanta mmarkata Dok 'B2' a fol. 28 tal-process, u ghall-fini ta' tali zgumbrament jipprefiggu t-terminu ta' hmistax –il jum (15) mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------